# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## SEDE CIVILI

### MAGISTRAT

### DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

### Seduta ta' nhar it-18 ta' Jannar, 2002

**Numru 41**

**Avviz numru 923/01DM**

**Stephen Grima u Generoso Grima**

**vs**

**Jason Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permess ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' elfejn lira maltin (Lm2000) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta ghal bejgh lill-konvenut ta' vettura tal-marka Toyota Supra bin-numru ta' registrazzjoni numru JOE 300, u dan kif jirrizulta minn skrittura privata datata 7 ta' April, 1999.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tas-26 ta' Settembru 2001 u bl-imghax legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici, lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn lira maltin (Lm2000) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mis-7 ta' Novembru, 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magistrat

A. Farrugia
Dep.Reg.

va